

Brussell, 3 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12319/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0231 (NLE)

ECOFIN 1069
UEM 383
FIN 1136
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 426 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 426 final.

Mehmuż: COM(2026) 426 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2026
COM(2026) 426 final

2026/0231 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Belġju

{SWD(2026) 255 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Belġju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta/kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Belġju fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tal-10 ta' Diċembru 2024⁴, tat-18 ta' Frar 2025⁵, tal-11 ta' Marzu 2025⁶, tal-20 ta' Ġunju 2025⁷, tat-8 ta' Lulju 2025⁸, tat-13 ta' Novembru 2025⁹, u tat-12 ta' Ġunju 2026¹⁰.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2026, il-Belġju għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Belġju ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 10161/21 INIT; ST 10161/21 ADD 1.

³ ST 15570/23 INIT; ST 15570/23 ADD 1.

⁴ ST 15974/24 INIT; ST 15974/24 ADD 1.

⁵ ST 5654/25 INIT; ST 5654/25 ADD 1.

⁶ ST 6545/25 INIT; ST 6545/25 ADD 1.

⁷ ST 9584/25 INIT; ST 9584/25 ADD 1.

⁸ ST 10529/25 INIT; ST 10529/25 ADD 1.

⁹ ST 14449/25 INIT; ST 14449/25 ADD 1.

¹⁰ ST 9517/26 INIT; ST 9517/26 ADD 1.

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Belġju minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 49 miżura.
- (4) Il-Belġju spjega li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba diffikultajiet tekniċi mhux previsti. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tal-investment “Żvilupp ta’ akkomodazzjoni soċjali u akkomodazzjoni għal persuni vulnerabbli” (I-4.12) u l-mira 153 tal-investment “Żvilupp ta’ akkomodazzjoni soċjali u akkomodazzjoni għal persuni vulnerabbli” (I-4.12), id-deskrizzjoni tal-investment “It-tisħiħ tat-trasport pubbliku fil-Wallonia” (I-3B) u l-mira 101 tal-investment “It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia” (I-3B). Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-Belġju spjega li miżura waħda parzjalment ma tistax tinkiseb aktar, minħabba bidla fil-kundizzjonijiet fil-konformità. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 23 tal-investment “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” (I-1.16). Fuq din il-bażi, il-Belġju talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-Belġju spjega li miżura waħda parzjalment ma tistax tinkiseb aktar, minħabba introduzzjoni gradwali. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 60 tal-investment “Diġitalizzazzjoni tal-FPS” (I-2.05). Fuq din il-bażi, il-Belġju talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Belġju spjega li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista’ tinkiseb minħabba n-nuqqas ta’ qafas legali. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tal-investment “Servizzi tas-Saħħa elettronika u Data dwar is-Saħħa” (I-2.06) u l-istadju importanti 64 tal-investment “Servizzi tas-Saħħa elettronika u Data dwar is-Saħħa” (I-2.06). Fuq din il-bażi, il-Belġju talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Il-Belġju spjega li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista’ tinkiseb, minħabba restrizzjonijiet temporanji tar-riżorsi minħabba prioritajiet li jikkoinċidu u n-nuqqas ta’ offerta li tirriżulta f’restrizzjonijiet ta’ żmien biex tinkiseb parti mill-miżura. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tal-investment “Programm għar-Restawr tan-Natura tal-Baħar” (I-1.25) u l-mira 252 tal-investment “Programm għar-Restawr tan-Natura tal-Baħar” (I-1.25). Fuq din il-bażi, il-Belġju talab li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (9) Il-Belġju spjega li ġew emendati erba’ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 253 tal-investment “Proġett tal-enerġija lil hinn mill-kosta” (I-1.26), id-deskrizzjoni tal-investment “Injezzjoni ta’ ekwità fil-Participatiemaatschappij Vlaanderen (PMV) biex jiġu appoġġati kumpaniji attivi fil-qasam tal-bijoteknoloġija” (I-5.19) u l-istadju importanti 256 tal-investment “Injezzjoni ta’ ekwità fil-Participatiemaatschappij Vlaanderen (PMV) biex jiġu appoġġati kumpaniji attivi fil-qasam tal-bijoteknoloġija” (I-5.19), id-deskrizzjoni tal-investment “Injezzjoni ta’ kapital fid-Difiża SFPIM” (I-5.20) u l-istadju importanti 258 tal-investment “Injezzjoni ta’ kapital fid-Difiża SFPIM” (I-5.20), id-deskrizzjoni tal-investment “Injezzjoni ta’ kapital fid-Difiża SFPIM” (I-5.21) u l-istadju importanti 259 tal-investment “Injezzjoni ta’ kapital fid-Difiża SFPIM” (I-5.21). Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li daww il-miżuri jiġu

emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtiegħ li tiġi emendata kif xieraq.

- (10) Il-Belġju spjega li 39 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tal-investiment "Rinnovazzjoni tal-Bini" (I-1B) u l-miri 14 u 14bis tal-investiment "Rinnovazzjoni tal-bini" (I-1B), id-deskrizzjoni tal-investiment "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu" (I-1.17) u l-istadju importanti 26 tal-investiment "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu" (I-1.17), l-istadju importanti 28 tal-investiment "Żvilupp tal-industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" (I-1.18), l-istadji importanti 37 u 39 tal-investiment "Bijodiversità u adattament għat-tibdil fil-klima" (I-1.22), l-istadji importanti 43 u 43bis tal-investiment "Patt Blu" (I-1.24), id-deskrizzjoni tal-investiment "Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni" (I-2.02) u l-istadju importanti 49 tal-investiment "Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni" (I-2.02), id-deskrizzjoni tal-investiment "Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni" (I-2.03) u l-istadju importanti 50 tal-investiment "Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni" (I-2.03), id-deskrizzjoni tal-investiment "Diġitalizzazzjoni" (I-2.04) u l-istadji importanti 52 u 53 tal-investiment "Diġitalizzazzjoni" (I-2.04), l-istadji importanti 55 u 61 tal-investiment "Diġitalizzazzjoni FPS" (I-2.05), id-deskrizzjoni tal-investiment "Proġetti ta' diġitalizzazzjoni" (I-2.08) u l-istadju importanti 66 u l-mira 67 tal- "Proġetti ta' diġitalizzazzjoni" (I-2.08), id-deskrizzjoni tal-investiment "Proġetti ta' diġitalizzazzjoni għall-amministrazzjonijiet tal-ażil u l-immigrazzjoni" (I-2.05bis) u l-istadju importanti 55b tal-investiment "Proġetti ta' diġitalizzazzjoni għall-amministrazzjonijiet tal-ażil u l-immigrazzjoni" (I-2.05bis), id-deskrizzjoni tal-investiment "Kopertura min-networks tal-fibra" (I-2.13) u l-istadju importanti 80 tal-investiment "Kopertura min-networks tal-fibra" (I-2.13), id-deskrizzjoni tal-investiment "Konnettività ta' 35 park kummerċjali f'Wallonia" (I-2.15) u l-mira 84 tal-investiment "Konnettività ta' 35 park kummerċjali f'Wallonia" (I-2.15), il-mira 96b tal-investiment "Infrastruttura taċ-ċikliżmu — Vélo Plus" (I-3.03b), id-deskrizzjoni tal-investiment "Infrastruttura taċ-ċikliżmu & tal-mixi — Schuman" (I-3.04) u l-mira 98 tal-investiment "Infrastruttura taċ-ċikliżmu & tal-mixi — Schuman" (I-3.04), deskrizzjoni tal-investiment "Infrastruttura ferrovjarja u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà tal-istazzjon" (I-3C) u l-mira 105 tal-investiment "Infrastruttura ferrovjarja u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà tal-istazzjon" (I-3C), il-mira 107 tal-investiment "Kanal Albert u Trilogiport" (I-3.11), deskrizzjoni tal-investiment "Sistemi tal-IT ferrovjarji" (I-3E) u l-mira 109 tal-investiment "Sistemi tal-IT ferrovjarji" (I-3E), deskrizzjoni tal-investiment "Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja" (I-3G) u l-mira 115b tal-investiment "Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja" (I-3G), deskrizzjoni tal-investiment "Infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja" (I-3.21) u l-mira 246 tal-investiment "Infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi tal-linja" (I-3.21), deskrizzjoni tal-investiment "Pjattaformi diġitali għall-priġunieri" (I-4.09) u l-mira 147 tal-investiment "Pjattaformi diġitali għall-priġunieri" (I-4.09), deskrizzjoni tal-investiment "Ħolqien ta' postijiet tal-kura tat-tfal" (I-4.13) u l-mira 155 tal-investiment "Ħolqien ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal" (I-4.13), deskrizzjoni tal-investiment "Ċentru ta' Innovazzjoni u Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K" (I-5.01) u l-mira 162 tal-investiment "Ċentru ta' Innovazzjoni u Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K" (I-5.01), deskrizzjoni tal-investiment "Titjib tal-infrastruttura ta' taħriġ avvanzat" (I-5.03) u l-mira 163 tal-investiment "Titjib tal-infrastruttura ta' taħriġ avvanzat" (I-5.03), deskrizzjoni tal-investiment "Taġħlim

diġitali tul il-ħajja” (I-5.07) u l-istadju importanti 171 tal-investment “Tagħlim diġitali tul il-ħajja” (I-5.07), deskrizzjoni tal-investment “Mediċina nukleari” (I-5.08) u l-istadju importanti 179 u 180 tal-investment “Mediċina nukleari” (I-5.08), deskrizzjoni tal-investment “Tisħiħ tar-R & Ż” (I-5.11) u l-istadju importanti 187 tal-investment “Tisħiħ tar-R & Ż” (I-5.11), deskrizzjoni tal-investment “Rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi” (I-5.12) u l-mira 191 tal-investment “Rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi” (I-5.12), deskrizzjoni tal-mira 198 tal-investment “Ċentru tar-Riċiklaġġ” (I-5.14), deskrizzjoni tal-istadju importanti 200 tal-investment “Il-Belġju Jibni Lura ċ-Ċirkolari” (I-5.15), deskrizzjoni tal-mira 202 tal-investment “Użu tal-ekonomija ċirkolari fil-Wallonja” (I-5.16), deskrizzjoni tal-investment “SMELD — FED” (I-5.18) u l-istadju importanti 249 tal-investment “SMELD — FED” (I-5.18), deskrizzjoni tal-investment “Miżuri ta’ effiċjenza enerġetika fid-djar soċjali WAL” (I-7.04) u l-mira 215 tal-investment “Miżuri ta’ effiċjenza enerġetika fid-djar soċjali WAL” (I-7.04), deskrizzjoni tal-investment “Pompi tas-sħana, iżolazzjoni, pannelli solari jew dwal LED fil-bini” (I-7.10) u l-mira 217 tal-investment “Pompi tas-sħana, iżolazzjoni, pannelli solari jew dwal LED fil-bini” (I-7.10), deskrizzjoni tal-investment “Miżuri tal-enerġija fil-bini — VLA” (I-7) u l-mira 218 tal-investment “Miżuri tal-enerġija fil-bini — VLA” (I-7), deskrizzjoni tal-investment Miżuri klimatiċi fl-agrikoltura (I-7.14) u l-mira 225 tal-investment “Miżuri klimatiċi fl-agrikoltura” (I-7.14), id-deskrizzjoni tal-investment “Elettrifikazzjoni tal-infrastruttura tal-portijiet tar-Reġjun Fjamming” (I-7.18) u l-istadju importanti 236 tal-investment “Elettrifikazzjoni tal-infrastruttura tal-portijiet tar-Reġjun Fjamming” (I-7.18), id-deskrizzjoni tal-mira 242 tal-investment “Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — BCR” (I-7.21), id-deskrizzjoni tal-investment “Rinnovazzjoni tal-abitazzjonijiet fir-reġjun tal-Wallonja” (I-7.26) u l-mira 260 tal-investment “Rinnovazzjoni tal-abitazzjonijiet fir-reġjun tal-Wallonja” (I-7.26), id-deskrizzjoni tal-investment “Skema mtejba ta’ sussidju għall-enerġija — BCR” (I-7.01) u l-mira 261 tal-investment “Skema mtejba ta’ sussidju għall-enerġija — BCR” (I-7.01). Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (11) Wara t-tnaqqis fil-livell ta’ implimentazzjoni tal-miżuri f’konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Belġju talab li juża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid miżura ġdida waħda u żżid il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ tliet miżuri. Dan jikkonċerna l-investment “Trasferiment volontarju għall-programm satellitari IRIS²” (I-5.22), l-investment “Sinjali tat-toroq intelliġenti — WAL” (I-3.08), l-investment “Injezzjoni ta’ ekwità fil-Participatiemaatschappij Vlaanderen (PMV) biex jiġu appoġġati kumpaniji attivi fil-qasam tal-bijoteknoloġija” (I-5.19), u l-investment “Injezzjoni ta’ kapital fid-Difiża SFPIM” (I-5.20). Abbażi ta’ dan, il-Belġju talab li jiżdied il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ tliet miżuri u li tiżdied miżura waħda ġdida. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta’ żbalji klerikali

- (12) Ġew identifikati żewġ żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw stadju importanti wieħed u mira waħda u żewġ miżuri taħt żewġ komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata sabiex jiġu kkoreġuti dawn l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta’ April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Belġju. Dawn l-iżbalji klerikali jikkonċernaw l-istadju importanti 185 tal-

investiment “R&Ż: Minimizzazzjoni tal-iskart matul iż-żarmar” (I-5.10) tal-komponent 5.2 Appoġġ għall-Attività Ekonomika, u l-mira 7 tal-investiment “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata u soċjali” (I-1A) tal-komponent 1.1 Rinnovazzjoni. Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (13) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 65.6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (15) L-RRP emendat materjalment ma jbidilx l-ambizzjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika, anke jekk l-allokazzjoni totali għall-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi naqset biss b'5,1 punti perċentwali meta mqabbla mal-evalwazzjoni emendata tat-12 ta' Ġunju 2026. Dan it-tnaqqis huwa r-riżultat tat-tneħħija tal-ittagġjar klimatiku għall-investiment “Rinnovazzjoni tal-bini” (I-1.07), l-investiment “Rinnovazzjoni tal-bini” (I-1.08), l-investiment “Rinnovazzjoni tal-bini” (I-1.09), l-investiment “Rinnovazzjoni tal-bini” (I-7.06) u l-investiment “Pompi tas-sħana, iżolazzjoni, pannelli solari jew dwal LED fil-bini” (I-7.10). Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' daww l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 27.15 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (17) L-RRP emendat ma jbidilx l-ambizzjoni lejn it-tranżizzjoni diġitali, billi l-allokazzjoni totali għall-miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali żdiedet f'tit meta mqabbla mal-valutazzjoni emendata tat-12 ta' Ġunju 2026. Din iż-żieda hija prinċipalment dovuta għaż-żieda tal-investiment “Trasferiment volontarju għall-programm satellitari IRIS²” (I-5.22). Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' daww l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kostijiet

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli

u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (19) Il-Belġju pprova kostijiet stmati individwali għall-miżura l-ġdida, kif ukoll ġustifikazzjonijiet individwali għall-miżuri kollha li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu bidla fl-istimi tal-kostijiet. L-informazzjoni dwar l-ispejjeż ipprovduta mill-Belġju hija fil-biċċa l-kbira dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Għall-miżura u miżuri ġodda fejn it-tnaqqis fl-ambizzjoni huwa aktar milli proporzjonat mat-tnaqqis fil-pakkett finanzjarju, il-Belġju pprova stimi kif ukoll informazzjoni dwar il-metodoloġija użata. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u d-dokumenti ta' sostenn turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-ispejjeż tal-miżuri modifikati huma ġġustifikati biżżejjed. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (20) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Belġju ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Belġju rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (21) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (22) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Belġju jammontaw għal EUR 5 244 911 861. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Belġju, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, li hija alllokata għall-RRP emendat tal-Belġju jenħtieġ li tkun ugwal għal EUR 5 033 950 235. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Belġju tibqa' l-istess.

Self

- (23) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għall-Belġju appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 230 100 000 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Wara t-tneħħija tal-investiment

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

“Infrastruttura taċ-ċikliżmu u tal-mixi — Schuman” (I-3.04) u t-tnaqqis fil-livell ta’ implimentazzjoni tal-investiment “Injezzjoni ta’ kapital fl-SFPIM — Difiża” (I-5.21) skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, il-Belġju ma talabx li juża r-riżorsi ta’ self liberati biex jappoġġa miżuri ġodda jew biex iżid il-livell ta’ implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fl-RRP. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Belġju u l-appoġġ fil-forma ta’ self li kien sar disponibbli għall-Belġju permezz tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta’ self disponibbli għall-Belġju jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 209 604 000.

- (24) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta’ ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (25) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta’ kwalunkwe proċedura relatata mal-ġoti ta’ fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma’ distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b’mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta’ għajjuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Belġju abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belġju self li jammonta għal massimu ta’ EUR 209 604 000.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President